# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2001.**

**Citazz. Nru. 2832/96 CFS**

**Fruit and Fresh Importers Ltd.**

**vs**

**Charles Grech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici ippremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditur tal-konvenut fis-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rappresentanti din is-somma import ta' ghoxrin (20) kambjala fis-somma ta' mitejn lira (Lm200) l-wahda, liema kambjali kienu accettati u ffirmati mill-konvenut (Dok A1 - A20).

Peress illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonstante l-interpellanzi maghmula mill-konvenut.

Talbet li l-konvenut ikun ikkundannat ihallasa anke a tenur ta' l-artikolu 198 tal- Kap. 13 lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) import ta' kambali minnu accettati u ffirmati liema kambjali skadew izda ma thallsux.

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effativ kontra l-konvenut ingunt in subuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci.

Rat li Victor Farrugia direttur tas-socjeta’ attrici xehed li l-konvenut baqa’ ma hallas xejn mid-data tal-presentata tac-citazzjoni. Billi ghalhekk mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub ta' erbat elef lira maltin bl-ispejjez u blimghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.